DIRETTORAT GHAL
KWALITA` U STANDARDS FL-EDUKAZZJONI
FLORIANA VLT 2000
MALTA

DIRECTORATE FOR
QUALITY AND STANDARDS IN EDUCATION
FLORIANA VLT 2000
MALTA

# Id-Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu

**Tel:** **2598 2426 / 2598 2425** **Indirizz Elettroniku:** gaetano.bugeja@ilearn.edu.mt

**ĊIRKULARI**

**Informazzjoni:** X **Data:** 19 ta' Mejju 2016

**Azzjoni:** X **Ref:** DCM 100/2016

**Lill- :** Kapijiet tal-Iskejjel Medji u Sekondarji tal-Istat u Sezzjonijiet

**Mingħand:** David Muscat, George Mifsud u Doreen Coleiro – Uffiċjali Edukattivi tal-Malti

**Suġġett:** Tqassim tal-kotba u r-riżorsi tal-iskema 'L-Għodda f'idejk'

---

Nixtiequ ngħarrfu lill-għalliema librara u l-għalliema tal-Malti tal-iskejjel medji u sekondarji li fil-ġimgħat li ġejjin se jitqassmu d-diski kompatti u l-kotba tal-Malti tal-lingwa u l-letteratura mixtrija mill-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu bħala parti mill-iskema ġdida msejħa *'L-Għodda f'idejk'* biex jintużaw mill-għalliema fit-tħejjija tal-lezzjonijiet tal-Malti.

Il-kotba, li jkopru l-aspetti tal-grammatika, il-lingwa kif ukoll il-letteratura, għandhom iservu ta' riżorsa għall-għalliema meta jkunu qegħdin jirriċerkaw fuq ilsienna u jippjanaw il-lezzjonijiet tagħhom. It-Taqsima tal-Malti tad-Dipartiment tal-Kurrikulu tħeġġeġ lill-għalliema biex jinqdew bil-kotba u d-diski kompatti mogħtija, u r-riżorsi tal-bank tar-riżorsi diġitali **malti.skola.edu.mt** biex fil-lezzjonijiet tagħhom jilħqu l-istudenti kollha li jkollhom fil-klassi, ikun xi jkun il-livell tal-abbiltà tagħhom. Fl-ewwel fażi ta' din l-iskema kull skola se tingħata 7 kotba differenti għall-għalliema tal-iskejjel medji u 8 kotba għall-għalliema tal-iskejjel sekondarji.

L-għalliema tal-Malti se jkunu jistgħu jissellfu l-kotba msemmija mil-libreriji tal-iskejjel fejn ikunu jgħallmu għal żmien twil għax kull librerija se tingħata għadd ta' settijiet tal-istess kotba, mhux sett wieħed biss. B'dawn il-kotba f'idejhom l-għalliema tal-Malti se jkunu jistgħu jagħmlu l-lezzjonijiet tal-Malti aktar interessanti u ta' gost għall-istudenti. Inħeġġu lill-għalliema jinqdew b'dawn ir-riżorsi u bil-materjal diġitali li kull ġimgħa qiegħed jittella' fis-sit elettroniku **malti.skola.edu.mt.**

Grazzi tal-koperazzjoni,

**Gaetano Bugeja**
**Direttur,**
**Dipartiment tat-Tmexxija tal-Kurrikulu**